MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 518/2008

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**

**Vs**

**Roach Charmaine**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta` Lulju, 2008, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tliet mija u tmienja Euro u tlieta u tletin centezmu (Euro308.33c), rapprezentanti bilanc ta` prezz dovut skond Client Contract number 1013699 fir-rigward ta` servizzi lili rezi ghax-xhur bejn Settembru, 2007 u Jannar, 2008.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 30 ta` April, 2008 u ta` mandat ta` sekwestru prezentat kontestwalment ma` dana l-att u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikata legalment il-konvenuta naqas u ma deherx la fis-seduta tat-3 ta` Ottubru, 2008, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghha u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` Euro308.33c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------